MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Lulju, 2006

Citazzjoni Numru. 302/2004

**A B u C D**
**Vs**
**E D u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu:

Premess illi fl-20 ta' Novembru, 2003 inghatat sentenza mill-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Superjuri fl-ismijiet A B et vs E D (Cit. Nru 125/2002AMT) u dan wara li l-atturi odjerni kienu pprezentaw citazzjoni fir-registru ta' l-imsemmija Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Superjuri (Dok. A);

U premess illi f'dik il-kawza l-atturi odjerni kienu ppremettew u talbu s-segwenti u cioe:

i. Peress illi fit-tmintax (18) ta' Awissu, 2002 twieldu minn C D tewmin li nghataw l-isem ta' "Shawna" u "Nathan" rispettivament u l-att tat-twelid taghhom rispettiv gie registrat fir-Registru Pubbliku bin-numru tlett elef u tmienja u hamsin (3058) u tlett elef u disa u hamsin (3059);

ii. Peress illi fiz-zewg atti tat-twelid hawn fuq imsemmija, l-omm iddikjarat illi t-tewmin huma ulied E D, tant illi fl-ewwel kolonna taht l-intestatura "Taghrif dwar missier it-tarbija", hemm indikat illi l-istess tewmin huma ulied E D bin Saviour imwieled u joqghod Cospicua, Malta;

iii. Peress illi effettivament il-konvenut, E D li huwa r-ragel ta' C D m'huwiex missier it-tewmin u fil-fatt missier it-tewmin huwa l-attur A B;

iv. Peress illi fil-fatt il-konjugi D kienu ilhom zmien separati minn ma' xulxin tant illi s-Sekond' Awla tal-Qorti Civili bid-digriet taghha bin-numru 330/97 kien awtorizzat lill-istess attrici tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha E D u ghaldaqstant l-istess attrici kienet f'impossibilita' fizika illi tghammar mal-konvenut fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum (300) u l-mija u tmenin jum (180) qabel it-twelid tat-tewmin;

Jghid ghalhekk l-istess konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo illi jsiru l-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-filjazzjoni ta' l-imsemmija "Shawna" u "Nathan" ahwa, ulied l-istess C D:

1. Tiddikjara illi l-konvenut, E D mhux il-missier la ta' "Shawna" D u lanqas ta' "Nathan" D li twieldu minn C D fit-tmintax (18) ta' Awissu, 2002 u li l-att tat-twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numri tlett elef u tmienja u hamsin (3058) u tlett elef u disa u hamsin (3059);

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid bin-numri progressivi ta' tlett elef u tmienja u

hamsin (3058) u tlett elef u disa u hamsin (3059) fis-sens illi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess att tat-twelid li juru illi l-konvenut, E D bhala missier it-tewmin hawn fuq imsemmija u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild A B, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-istess kaz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenut ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

U premess illi, kif diga' inghad, b'sentenza tal-20 ta' Novembru, 2003 l-Onorabbli Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Kompetenza Superjuri laqghet it-talbiet attrici;

U premess illi bis-sahha ta' din l-imsemmija sentenza, l-atturi ippruvaw jirregistraw tali sentenza bil-konsegwenzi kollha taghha ghar-rigward tac-certifikati tat-twelid tal-minuri “Shawna” u “Nathan”;

U premess illi fid-9 ta' Frar, 2004 l-Avukat Generali tar-Repubblika ta' Malta kiteb lill-konsulent legali tal-atturi fejn infurmah illi “skond l-artikolu 253(4) tal-Kodici Civili kawza li tigi intavolata biex issir korrezzjoni f'att ta' l-istat civili trid issir fil-konfront tad-Direttur tar-Registru Pubbliku koncernat li f'dan il-kaz huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta u ghalhekk din il-kawza kellha tigi pprezentata f'Malta”. Illi l-istess Avukat Generali informa lill-konsulent legali ta' l-atturi illi “ghalhekk jidher illi d-decizjoni minnek imsemmija ma' tistax tigi esegwita” (Dok. B);

U premess illi minhabba f'din ir-raguni l-istanti kellhom jipprezentaw din il-kawza odjerna mill-gdid quddiem din l-Onorabbli Qorti;

U in vista ta' dak li diga inghad hawn fuq:

Jghidu ghalhekk il-konvenut, jew min minnhom, l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti, prevja okkorrendo illi jsiru l-ezamijiet mehtiega biex tigi stabbilita kull prova genetika li jkollha x'taqsam mal-filjazzjoni ta'l-imsemmija “Shawna” u “Nathan” ahwa, ulied l-istess C D:

1. Tiddikjara illi l-konvenut, E D mhux il-missier la ta' "Shawna" D u lanqas ta' "Nathan" D li twieldu minn C D fit-tmintax (18) ta' Awissu, 2002 u li l-att tat-twelid taghhom gie registrat fir-Registru Pubbliku ghal Ghawdex bin-numri tlett elef u tmienja u hamsin tas-sena elfejn u tnejn (3058/2002) u tlett elef u disa u hamsin tas-sena elfejn u tnejn (3059/2002) (Dok C u Dok. D rispettivament);

2. Konsegwentement tordna l-korrezzjoni taz-zewg atti tat-twelid bin-numri progressivi tlett elef tmienja u hamsin tas-sena elfejn u tnejn (3058/2002) u tlett elef disa u hamsin tas-sena elfejn u tnejn (3059/2002) fis-sens illi titnehha kull referenza illi hemm fl-istess att tat-twelid li juru illi l-konvenut, E D bhala missier it-tewmin hawn fuq imsemmija u minflok jitnizzel li t-trabi huma wild A B, kif sejjer jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-istess kaz.

Bl-ispejjez u bl-ingunzjoni tal-istess konvenuti ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa huwa mharrek.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jehtieg korrezzjoni fl-ewwel talba attrici fis-sens illi l-Atti tat-Twelid in kwistjoni li jgibu n-numru progressiv 3058 u 3059 tas-sena 2002 u cioe l-ahwa Shawna u Nathan D huma registrati fir-Registru tar-Registru Pubbliku ta' Malta u mhux ta' Ghawdex.

3. Illi l-esponent jirrileva illi l-Artikolu 251 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jistipula illi r-Registru Pubbliku ta' Malta huwa separat u indipendenti mir-Registru Pubbliku ta' Ghawdex filwaqt illi l-Artikolu 253(4) tal-Kap 16 jistipula illi l-azzjoni ghandha tigi intavolata quddiem il-Qorti kompetenti.

4. Illi l-attur A B ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu biex jekk it-talbiet attrici jigu milqugha dawn ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni.
5. Illi jekk it-talbiet attrici jigu milqugha iridu jigu kancellati l-kliem “the said” minn taht il-kolonna li taghti t-taghrif dwar l-omm fl-Att ta’ Twelid in kwistjoni.

6. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

7. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat li l-konvenut E D debitament notifikat ghazel li jibqa’ kontumaci;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat ir-rapport xjentifiku redatt mill-espert gudizzjarju Christopher Farrugia minnu debitament mahluf;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal- Magistrati [Ghawdex] Kompetenza Superjuri fl-istess ismijiet moghtija fl-20 ta’ Novembru 2003 li permezz taghha gew milqugha minn dik il-Qorti talbiet identici bhal dawk in disamina;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qedin jitolbu dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li t-tewmin Shawna u Nathan li twieldu mill-attrici fit-18 ta’ Awissu 2002 mhumiex il-wild naturali tal-konvenut E D, izda huma l-wild naturali ta’ l-attur A B.

Illi citazzjoni b' talbiet identici kienet saret fil-Qorti tal-Magistrati [Ghawdex] Kompetenza Superjuri, u permezz tas-sentenza fuq citata, it-talbiet ta' l-atturi f' dik il-kawza kienu gew milqugha u dik il-Qorti kienet iddikjarat li l-missier naturali tat-tewmin Shawna u Nathan huwa A B, u mhux E D. Il-Qorti kienet ibbazat id-decizjoni taghha inter alia fuq ir-rizultat tat-testijiet tad-DNA kontenuti fir-rapport xjentiku prezentat minn Christopher Farrugia; u ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet konsegwenzjali fl-Att tat-Twelid tat-tewmin.

Illi ghall-esekuzjoni ta' l-imsemmija sentenza kien josta dak kontemplat fl-Artikolu 253[4] tal-Kap.16 fis-sens li il-kawza kellha ssir kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku koncernat li f' dan il-kaz, kif jirrizulta mic-certifikati tat-twelid tat-tfal, huwa d-Direttur tar-Registru Pubbliku ta' Malta. B' hekk kellhom jergghu jsiru l-istess proceduri mill-gdid, izda fil-Prim Awla tal-Qorti Civili.

Illi mix-xhieda ta' A B jirrizulta li fiz-zmien tat-twelid tat-tewmin huwa kellu 29 sena, u kien joqghod Marsalforn Ghawdex u missieru ghadu haj.
Dan premess u kkunsidrat it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici billi: [1] tiddikjara li l-konvenut E D mhuwiex il-missier naturali tat-tewmin "Shawna" u "Nathan" li twieldu mill-attrici fit-18 ta' Awissu 2002; u li dawn huma l-wild naturali ta' l-attur A B; u [2] konsegwenzjalment tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-Att tat-Twelid tal-minuri "Shawna" u "Nathan", registrati rispettivament bin-numri progressivi 3058 u 3059 tas-sena 2002, fis-sens li minn dawn l-atti jigi kancellat l-isem E D u l-konnotati tieghu, u jitnizzlu minflok, l-isem ta' l-attur A B flimkien mal-konnotati tieghu kif fuq indikati. Il-kelma "said" tigi wkoll kancellata.

L-ispejjez jibqghu a kariku ta'l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------